# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn erbghatax (14) taʼ Dicembru 2015**

**Rikors Numru 13/12 FDP**

**Alessandro Costanza**
**(ID 23574A)**

**vs**

**Bieffe Doors Limited**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 13 ta’ Jannar 2012 fejn ir-rikorrent talab lill-dina l-Qorti tordna lis-socjeta intimata thallsu s-somma ta’ tmient elef, sebgha mija u tlettax-il Euro u sittax-il centezmu (€8,713.16) rappresentanti pagi, bonuses, commissions u overtime dovuti lilu.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata illi sahqet illi, preliminarjament, it-talbiet attrici kienu preskritti a tenur ta’ l-Artikolu 2147 (c) tal-Kap 16 filwaqt illi fil-meritu s-socjeta intimata insistiet illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat il-kontro talba tas-socjeta intimata ippresentata kontestwalment ma’ l-eccezzjonijet fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lir-rikorrenti ihallasha is-somma ta’ disat elef, mitejn u erbgha u disghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€9,294.54) jew somma ohra verjuri rappresentanti danni sofferti mis-socjeta intimata b’konsegwenza ta’ l-inadempjenza kuntrattwali u terminazzjoni unilaterali tal-impjieg da’ parte tar-rikorrent.

Rat ir-risposta tar-rikorrent ghal-kontro talba ippresentata fil-11 ta’ Mejju 2012 fejn sahaq illi ma kien hemm ebda inadempjenza kuntrattwali da’ parte tieghu filwaqt illi sahaq li, ghal dak minnu mitlub, dana jiehu in konsiderazzjoni il-hlas minnu dovut lis-socjeta konvenuta a tenur ta’ l-Artikolu 36 (10) tal-Kap 452.

Ra l-affidavit ta’ **Alessandro Costanza** ippresentat fil 25 ta’ Gunju 2012.

Semghet x-xhieda ta’ **John Zammit**, prodott mir-rikorrenti, u moghtija fit 8 ta’ Frar 2013 u fit-18 ta’ Marzu 2013.

Semghet ix-xhieda ta’ **Maria Cleofa Costanza Brincat** moghtija fit 18 ta’ Marzu 2013.

Rat l-affidavit addizzjonali tar-rikorrenti ippresentat fis 17 ta’ Mejju 2013.

Rat ix-xhieda ta’ **Valerio Bonforte** moghtija quddiem l-Assistant Gudizzjaru fit 12 ta’ Gunju 2014.

Semghet ix-xhieda ta’ **Franco Bonforte** moghtija quddiem il-Qorti fit 13 ta’ Gunju 2014.

Semghet ix-xhieda ta’ Valerio Bonforte moghtija fis 26 ta’ Jannar 2015.

Semghet ix-xhieda ta’ Franco Bonforte moghtija in kontro ezami quddiem il-Qorti fis 26 ta’ Marzu 2015.

Semghet x-xhieda in kontro ezami ta’ Alessandro Costanzo moghtija fit 30 ta’ April 2015.

Rat illi fit 13 ta’ Lulju 2015 il-kawza giet differita ghas-sottomissjonijiet finali bil-miktub tal-partijiet.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tas-socjeta intimata ippresentati fil 31 ta’ Awissu 2015.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirrigwarda talba illi qieghda ssir da parte tar-rikorrent, ghal-hlasijiet ta’ pagi, commissions u bonuses illi l-istess rikorrent jallega illi ma thallasx mis-socjeta intimata illi kienet timpjegah. Is-socjeta intimata, da parte taghha, qieghda titlob danni kontra r-rikorrent, talli abbanduna l-post tax-xoghol.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta intimata, illi s-sidien taghha kellhom fabbrika gewwa Sqallija illi tipproduci aperturi ta’ l-aluminium u oggetti simili, kienet infethet mis-sidien taghha bl-iskop illi tibda negozju gewwa Malta.

Jirrizulta illi, mument minnhom, sar diskors bejn ir-rikorrenti u Franco Bonforte, illi jigi missier Federica Bonforte, illi hija attwalment is-sid u rappresentant guridiku tas-socjeta intimata, sabiex ir-rikorrenti jibda jgestixxi l-operazzjoni tas-socjeta intimata kollha hu, liema ftehim kien wiehed verbali u qatt ma kien redatt fl-iskritt.

Jirrizulta illi, rizultat ta’ tali ftehim, fl-1 ta’ Awissu 2009, ir-rikorrenti beda jahdem mas-socjeta intimata u beda jgestixxi l-operazzjoni kollha ta’ l-istess socjeta intimata.

Jirrizulta illi r-rikorrent kien responsabbli ghal kollox in rigward ta’ tali socjeta, u dana kien jinkludi kemm it-tmexxija tal-hanut ossija showroom illi s-socjeta intimata kellha gewwa Rue D’Argens, Msida, kif ukoll ir-relazzjoni kollha mal-klijenti tas-socjeta intimata, li kienet tinkludi kemm il-bejgh, tehid ta’ kejl, organizazzjoni tat-tqieghid tal-materjal u l-gbir tal-flus kollha tas-socjeta intimata.

Jirrizulta illi r-rikorrent kien jiehu hsieb kemm il-lat ta’ ‘*sales*’ tas-socjeta intimata, kif ukoll il-lat ta’ ‘*administration*’ tas-socjeta intimata, u ghalhekk huwa kien anke responsabbli mit-tmexxija

finanzjarja tal-kumpannija kif ukoll il-hlas ta' l-impjegati ta' l-istess kumpannija illi, ghal hafna zmien, kienet timpjega lilu biss.

Jirrizulta illi l-involviment tas-sidien esteri, ossija Bonforte, fl-operazzjoni tas-socjeta intimata kienet illi wara li r-rikorrenti jiehu l-ordni minghand il-klijent u jiehu l-qisien kollha necessarji tal-aperturi illi kellhom jigu installati, l-ordni kienet tigi processata barra minn Malta u eventwalment wiehed mis-sidien esteri, Bonforte, flimkien ma' xi impjegati taghhom, kienu jinzlu Malta bil-prodotti lest u kienu jghaddu biex jinstallawh ghand il-klijent, u dana wara illi l-istess rikorrent kien jakkumpanjahom ghand il-klijent.

Jirrizulta illi l-ftehim dwar hlasijiet bejn ir-rikorrenti u Franco Bonforte, illi ma ghandu ebda rappresentanza guridika fis-socjeta intimata izda jigi missier is-sid u rappresentant guridiku tas-socjeta intimata, kien illi r-rikorrent kien ser jithallas elf Euro ( €1,000) fix-xahar flimkien ma' hamsa fil-mija (5%) 'commission' fuq il-bejgh kollu illi jaghmel.

Jirrizulta illi ma sar ebda diskors iehor dwar kundizzjonijiet ohra tax-xoghol u ma saret ebda tip ta' skrittura sabiex tirrifletti dak miftiehem bejn ir-rikorrenti u Franco Bonforte.

Jirrizulta illi, inizzjalment, is-sitwazzjoni kienet miexja tajba hafna, tant illi ir-rikorrent u l-mara tieghu kellhom relazzjoni tajba hafna ma' Franco Bonforte u l-familja tieghu, u kienu jkunu spiss flimkien, kemm Malta kif ukoll barra minn Malta, u kull meta Franco Bonforte kien jinzel Malta, li kien madwar darba kull xahar sabiex jivverifika l-operat tal-kumpannija, kienu jkunu dejjem flimkien.

Jirrizulta, izda, maz-zmien illi r-rikorrenti beda jsib diffikulta jithallas dak dovut lilu, u kien hemm okkazzjonjiet fejn huwa kellu jiehu l-paga tieghu direttament mill-flus generati mis-socjeta intimata peress illi l-hlas minn barra ma kienx qieghed jasal. L-istess kien japplika ghal dak li jirrigwarda il-*commission*.

Jirrizulta illi, eventwalment, is-sitwazzjoni tant kienet inaccetabbli ghar-rikorrent illi fl-21 ta' Awissu 2011, ir-rikorrent iddecieda illi jabbanduna x-xoghol u jitlaq kollox minghajr ma avza lill-hadd qabel, wara illi kien ghadu kif ircieva l-paga tax-xahar ta' Lulju ftit jiem qabel u kien ghadu ma thallasx dak dovut lilu.

Jirrizulta, di fatti, illi dakinhar illi ha tali decizjoni, li kien il-Hadd, il-haddiema minn barra kienu nezlin Malta l-ghada filghodu kmieni sabiex jinstallaw aperturi ghand klijent tas-socjeta intimata. Bhalma kien isir dejjem, dawna cemplu lir-rikorrent sabiex jiltaqa' maghhom u jehodhom fuq il-lant tax-xoghol, izda ir-rikorrent irrifjuta illi jirrispondi t-telefon kif ukoll jiftah il-bieb tad-dar tieghu meta dawna gew ihabbtulu d-dar.

Jirrizulta illi, rizultat ta' l-agir da' parte tar-rikorrent, il-haddiema minn barra flimkien ma' wiehed mill familja Bonforte, ossija Valerio Bonforte, ma kienux jafu fejn kellhom jinstallaw l-aperturi, u kien biss jumejn wara illi huma fl-ahhar irnexilhom isiru jafu fejn kellu jsir tali installazzjoni, liema installazzjoni eventwalment saret fuq medda qasir ta' hin, qabel ma' l-impjegati u Valerio Bonforte marru lura lejn Sqallija kif kien ppjanat, jigifieri il-Gimgha filghaxija.

Jirrizulta illi wara d-decizjoni unilaterali tar-rikorrenti, huwa ghamel xi tlett gimghat ma jikkomunikax mal-familja Bonforte, u, wara tlett gimghat, huwa ltaqa' ma Valerio Bonforte gewwa l-hanut u filwaqt illi r-rikorrent gharrfu illi kien imdejjaq ix-xoghol infurmah ukoll illi ried jithallas dak lilu dovut, ghal liema fatt l-istess Valerio Bonforte qallu illi ma setax jghinu peress illi r-rikorrent kellu jkellem lill-ohtu u missieru.

Jirrizulta illi, nelfrattemp ir-rikorrent mar ghand l-Accountant tas-socjeta intimata, John Zammit, u wara illi r-rikorrent gharrfu x'kien qieghed jippretendi illi jithallas, dana l-Accountant ghamillu rendikont ibbazat fuq l-informazzjoni illi ghaddhielu r-rikorrent, u ir-rikorrent ghadda dana r-rendikont lis-socjeta intimata sabiex jithallas, liema hlas eventwalment ma sarx u ghalhekk tneidet il-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tosservax, l-ewwel u qabel kollox, illi dina l-kawza hija kkaratterizzata principalment bl-assenza totali ta' dokumentazzjoni sabiex jikkorroboraw it-talbiet taz-zewgt partijiet.

Di fatti, ir-rikorrent ma ippresenta ebda dokumentazzjoni illi juri illi l-impjieg tieghu kien irregistrat mal-ETC, ma ippresenta ebda dokumentazzjoni ufficjali illi juru illi kien qieghed jithallas is-Social Security u n-National Insurance u ma gie ippresentat ebda tip ta' dokumentazzjoni illi turi x'kien attwalment il-ftehim milhuq bejn is-socjeta intimata u ir-rikorrenti. L-unika dokumenti illi r-rikorrent esebixxa kien '*pay slip*' bla data redatta fuq '*excel sheet*'minghajr ebda indikazzjoni dwar min hareg dina l-*pay slip* (fol 45) u rendikont ta' dak illi kien qieghed jippretendi ir-rikorrenti (fol 15), liema rendikont kien redatt mill-Accountant John Zammit illi, fix-xhieda tieghu, insista illi tali informazzjoni inghatatlu unikament minghand ir-rikorrent u ma kellu ebda mezz jikkonferma l-veracita' o meno ta' l-istess.

Da parta tas-socjeta intimata, illi ghamlet kontro talba ghal danni, ma gie ippresentat assolutament ebda dokumentazzjoni sabiex tispjega kif wasslet ghal komputazzjoni ta' danni minnha pretiz u ma gie esebit ebda dokument illi, b'xi mod, seta jitfa dawl fuq it-talba ghad-danni illi allegat is-socjeta intimata li soffriet.

Tali nuqqas hija wahda lampanti u tixhed bl-aktar mod car dwar il-mod kif iz-zewgt partijiet kienu qed joperaw bejniethom – kollox bil-mohbi!

Il-Qorti, tosserva wkoll illi fir-rendikont tieghu, kif ukoll fil-proposti illi huwa kien ghamel lis-socjeta intimata, ir-rikorrent ghamel zewgt proposti lis-socjeta intimata – wahda fejn kien qieghed jippretendi l-hlas ta' tlett gimghat ghax-xahar ta' Awissu 2011 kif ukoll il-leave kollu illi ma thallasx tieghu minn meta dahal impjegat mas-socjeta intimata sa meta telaq u il-bonuses kollha lilu dovuti kif ukoll Commission lilu dovut; u ohra fejn, flimkien ma' dan gia indikat, zied 540 siegha 'overtime'. Fi kliem ir-rikorrent stess, huwa kien dispost illi ma jithallasx ta' l-overtime inzzijalment izda meta ra illi s-socjeta intimata ma kienet lesta thallas, huwa talab ukoll ghall-overtime.

Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservax illi r-rikorrenti, illi kien il-persuna li kien unikament responsabbli mit-tmexxija kollha tas-socjeta intimata minn meta infethet sa meta huwa eventwalment abbandunaha, ma kienx f'posizzjoni illi jindika x'kienu l-bejgh illi fuqhom huwa kien qieghed jippretendi li jithallas il-kummissjoni. Lanqas ma kien f'posizzjoni illi jindika kemm hadem u meta hadem tul l-impjieg tieghu mas-socjeta intimata.

Il-Qorti tifhem illi kieku kien minnu dak pretiz mir-rikorrent, tenut kont tal-fatt illi kien ilu "imdejjaq" bil-fatt illi ma kienx qieghed jithallas fil-hin, huwa kien jiehu hsieb illi jigbor id-dokumentazzjoni kollha necessarja sabiex, ghada pitghada, meta jinqala d-disgwid dwar il-hlasjiet illi kien qieghed jippretendi, huwa jkun f'posizzjoni illi jikkorrobora tali rikjesti. Madanakollu, ir-rikorrent minn dan kollu ma ghamel xejn u, quddiem dina l-Qorti, ma kien fl-ebda posizzjoni illi jissustanzja ebda mit-talbiet minnu maghmulha.

Il-Qorti ukoll ma tistax ma tosservax, ghal darba ohra, illi ma tressqet ebda tip ta' prova biex tindika illi attwalment ir-rikorrent kien legalment impjegat mas-socjeta intimata, liema nuqqas jwassal ghal dubju serji dwar in-natura tat-talba tar-rikorrent.

Ghalhekk il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tilqa t-talba rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta intimata, bhala reazzjoni ghat-talba maghmulha mir-rikorrent, ghamlet kontro talba kontra ir-rikorrent ghal-danni sofferti mill-istess socjeta intimata rizultat ta' l-azzjoni tar-rikorrent.

Mix-xhieda prodotta quddiemha, jirrizulta illi tali rikjesta kienet l-aktar ibbazata fuq l-incident meta l-haddiema tas-socjeta intimata, illi kienu gew minn barra, ma kienux jafu fejn kellhom jaghmlu l-installazzjoni, u ta' dan kellu jkun responsabbli r-rikorrent.

Jirrizulta, madanakollu, mix-xhieda tas-socjeta intimata, partikolament Valerio Bonforte, illi ghalkemm kien minnu li r-rikorrent ma ghaddhielhom ebda informazzjoni dwar l-installazzjoni illi kellha ssir, eventwalment huma sabu fejn kellha ssir tali installazzjoni u kien irnexxilhom jaghmlu l-installazzjoni u jmorru lura lejn Sqallija bil-vapur tal-Gimgha filghaxija, kif kien gia ippjanat illi kellhom jaghmlu – ghalhekk il-Qorti ma hijiex qieghda tifhem x'tip ta' dannu setghet baghtiet is-socjeta intimata.

Apparti minn hekk, il-Qorti, ghal darba ohra, ma tistax ma tosservax illi s-socjeta intimata ma ressqet ebda dokumentazzjoni sabiex tissustanzja t-talba taghha, liema nuqqas huwa indikattiv tal-fatt li, attwalment, ma soffriet ebda dannu u tali talba kienet qieghda ssir biss rizultat tal-fatt illi r-rikorrent kien nieda l-kawza odjerna kontra taghhom.

Tali nuqqasijiet iwasslu lill-dina l-Qorti biex tikkonkludi illi t-talba tas-socjeta intimata ma giex ippruvata.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi kolla prodotti mill-partijiet u wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** it-talba attrici, kif ukoll

**Tichad** il-kontro talba tas-socjeta intimata.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur